

Brussell, 8 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14655/23

SOC 718
EMPL 508
DIGIT 233
FREMP 300
MI 900

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali fl-UE u jitnaqqas il-piż amministrattiv - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill intitolat "Id-Diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali fl-UE u jitnaqqas il-piż amministrattiv".
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-2 u fit-13 ta' Ottubru 2023.
3. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness; u
 - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness għal din in-nota lill-Kunsill (EPSCO) tas-27 u t-28 ta' Novembru 2023 għall-approvazzjoni.

Id-Diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali fl-UE u jitnaqqas il-piż amministrattiv

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JQIS LI:

1. L-oġġettiv ewlieni tad-diġitalizzazzjoni huwa li tiżdied l-effiċjenza tal-proċessi, l-użu u l-iskambju tad-data, u li jiġu ssimplifikati u mħaffa l-proċeduri amministrattivi.
2. Fl-2020 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Komunikazzjoni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa", u fl-2021 il-Komunikazzjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: L-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali".
3. Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 tistabbilixxi l-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, li wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa li l-UE u ċ-ċittadini tagħha jkunu jistgħu jibbenefikaw minn identità diġitali sigura, li tippermetti lil kull utent jikkontrolla l-preżenza u l-interazzjonijiet online tiegħu.
4. Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali jistabbilixxi bħala mira li s-servizzi pubbliċi ewlenin isiru kompletament aċċessibbli online sal-2030 u, bħala oġġettivi ġenerali, li (a) jiġi promoss ambjent diġitali ċċentrat fuq il-bniedem, ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali, inklużiv, trasparenti u miftuħ b'teknoloġiji u servizzi diġitali siguri u interoperabbli, u (b) li jiġu offruti servizzi u għodod inklużivi, effiċjenti, interoperabbli u personalizzati bi standards għoljin ta' sigurtà u privatezza. F'konformità ma' dawn l-oġġettivi, il-Kummissjoni pproponiet l-Att dwar Ewropa Interoperabbli biex jiġu introdotti miżuri li jkollhom l-għan li jiżguraw livell għoli ta' interoperabbiltà fis-settur pubbliku fl-Unjoni. L-għan tal-proposta għal Att dwar Ewropa Interoperabbli huwa li tiġi eliminata l-frammentazzjoni fix-xenarju tal-interoperabbiltà tal-Unjoni u li l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni jkunu jistgħu jikkooperaw u jipprovdu s-servizzi pubbliċi b'mod effettiv irrispettivament mill-fruntieri u fis-setturi kollha.

5. Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali jistabbilixxi wkoll l-oġġettiv li sal 2030, 100 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għal mezzi siguri ta' identifikazzjoni elettronika (eID), li għandhom jintużaw għas-servizzi pubbliċi ewlenin fl-UE.
6. Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Gateway Diġitali Unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi jistipula sett ta' obbligi tal-amministrazzjoni diġitali bbażati fuq il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u l-prinċipju ta' darba biss, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' informazzjoni rigward il-proċeduri. Ir-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li sa Diċembru 2023 iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jaċċessaw, jiffinalizzaw u jirċievu l-eżitu ta' 21 proċedura amministrattiva kompletament online. Xi proċessi huma relatati mal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali¹.
7. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa msejjes fuq 20 prinċipju u dritt ewlenin għal swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali aktar ġusti u li jiffunzjonaw sew, għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Dan jipproponi oġġettivi importanti li l-Unjoni Ewropea għandha tilħaq sal-2030. Il-Pjan ta' Azzjoni ħabbar ukoll it-tnedija tal-proġett pilota Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) biex sal-2023 tiġi esplorata soluzzjoni diġitali għall-verifika transfruntiera tal-intitolamenti tas-sigurtà soċjali.
8. Fl-ewwel nofs tal-2023, żewġ avvenimenti kienu ddedikati għad-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali: il-konferenza ta' livell għoli dwar id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (ESSPASS) u l-kards tax-xogħol, li saret fl-1 ta' Marzu 2023, u l-laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni Amministrattiva, li saret fit-8 ta' Marzu 2023.

¹ Il-proċeduri li għandhom jiġu diġitalizzati fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali jinkludu t-talba biex tiġi ddeterminata l-leġiżlazzjoni applikabbli f'konformità mat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, l-applikazzjoni għal Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa u t-talba għall-benefiċċji tal-pensjoni u ta' qabel l-irtirar minn skemi obbligatori.

9. F'Settembru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rapport annwali dwar "L-Istat tad-Deċennju Diġitali".
10. F'Settembru 2023, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2018/1724, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-ewwel rapport ta' implimentazzjoni ta' kull sentejn dwar il-funzjonament tal-Gateway Diġitali Unika u dwar il-funzjonament tas-suq intern, abbażi tal-istatistika u l-feedback miġbur f'konformità mal-Artikoli 24, 25 u 26 tar-Regolament imsemmi. Ir-rapport jevalwa l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14 (applikazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss), filwaqt li jqis l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali li jikkonċernaw l-iskambju tal-evidenza bejn l-awtoritajiet kompetenti.
11. Barra minn hekk, l-Artikolu 72, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali jafda lill-Kummissjoni Amministrattiva bil-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni, b'mod partikolari billi jiġu mmodernizzati l-proċeduri għall-iskambju tal-informazzjoni u jiġi adattat il-fluss tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 987/2009² jenfasizza l-importanza tal-użu ta' għodod elettroniċi fl-iskambju tad-data bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, kif ukoll ir-rwol tal-Kummissjoni Amministrattiva fid-determinazzjoni tal-istruttura, il-kontenut u l-format ta' dan l-iskambju tad-data u l-arranġamenti dettaljati għalih.
12. Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar "Id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali: l-iffaċilitar tal-moviment liberu fis-Suq Uniku". Il-Komunikazzjoni tqis l-inizjattivi diġitali eżistenti u tipprovdi stampa ġenerali tar-rabtiet bejn diversi proġetti diġitali li jappoġġaw il-moviment liberu u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, filwaqt li turi s-sinerġiji u l-kompatibbiltà bejn dawk l-inizjattivi. Il-Komunikazzjoni tipproponi wkoll miżuri li għandhom jittieħdu fuq terminu qasir u fit-tul, biex ikomplu jiġu diġitalizzati l-proċessi transfruntiera tas-sigurtà soċjali.

² Premessi 3 u 4; l-Artikoli 4 u 95

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

13. Id-domanda dejjem tikber taċ-ċittadini u l-esperjenza tal-aħħar snin, inkluż il-pandemija tal-COVID-19, enfasizzaw l-importanza tad-diġitalizzazzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà soċjali u l-ħtieġa li titħaffef l-implimentazzjoni tagħha, bl-involvement tal-Istati Membri u s-setturi kollha, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tranżnazzjonali.
14. Id-diġitalizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali avvanzat fl-aħħar snin, permezz tal-iżvilupp ta' diversi inizjattivi. L-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI), sistema tal-IT deċentralizzata, tippermetti lill-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fl-Unjoni jiskambjaw l-informazzjoni b'mod aktar rapidu u sigur. L-implimentazzjoni sħiħa tagħha għandha tiġi ffinalizzata sa tmiem l-2024. Il-proġett pilota ESSPASS tfassal biex jissimplifika l-interazzjonijiet bejn iċ-ċittadini mobbli u l-korpi pubbliċi. Wara l-ewwel fażi tal-attivitajiet pilota, żewġ konsorzji, Digital Credentials for Europe (DC4EU) u Vector, bl-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea, bħalissa qed jippilotaw id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri relatati mad-dokument portabbli A1 u l-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa. L-eżiti ta' dawn il-proġetti pilota ta' soluzzjonijiet diġitali fuq skala kbira għall-verifika transfruntiera tal-intitolamenti tas-sigurtà soċjali għandhom jiġu rilaxxati sat-tieni trimestru tal-2025. Il-qafas futur tal-Identità Diġitali Ewropea, li jirrevedi r-Regolament (UE) Nru 910/2014 (ir-Regolament eIDAS), għandu jistabbilixxi l-pedamenti tal-identità u l-fiduċja fil-proġett ESSPASS u possibbilment f'inizjattivi diġitali oħra tas-sigurtà soċjali fil-futur.
15. L-eIDAS, qafas ta' fiduċja u wieħed mill-pilastri tal-istrateġija ta' diġitalizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea, għandu l-għan li jżid il-livell ta' sigurtà tat-tranżazzjonijiet għan-negozji, itaffi l-piż amministrattiv u jagħmel il-proċessi tan-negozju aktar effiċjenti.

16. L-EESSI huwa proġett fit-tul ambizzjuż ħafna li diġà qed jopera fil-pajjiżi parteċipanti kollha, minkejja li diversi pajjiżi għad iridu jimplimentaw is-sistema bis-sħiħ. Tnieda programm ta' Titjib tal-Proċessi tan-Negożju biex jissimplifika u jtejjeb il-proċessi. Dan il-programm għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tal-EESSI u l-effiċjenza tal-iskambji u, abbażi tat-tagħlimiet meħuda, jista' jikkontribwixxi wkoll biex jitqassar il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' żviluppi futuri.
17. L-għan sottostanti ta' dawn il-proġetti huwa li l-komunikazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjonijiet, kif ukoll dik transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, issir minn tarf sa tarf mingħajr karti, filwaqt li tingħata kull garanzija fir-rigward tal-protezzjoni tad-data.
18. L-iżviluppi teknoloġiċi u l-għodod diġitali jistgħu potenzjalment jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi futuri. Madankollu, il-bidliet leġiżlattivi jridu jiġu vvalutati bir-reqqa fuq il-merti tagħhom stess.
19. Hekk kif is-soċjetà u s-servizzi tas-sigurtà soċjali qed isiru dejjem aktar diġitali, il-kwistjoni tal-litteriżmu, il-ħiliet u l-inklużjoni diġitali teħtieġ l-attenzjoni sħiħa tagħna wkoll biex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi u d-diġitalizzazzjoni tagħhom. L-esperjenza miksuba mill-pandemija wriet li l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni akkwistat xi ħiliet diġitali mill-2020 'l hawn³, iżda enfasizzat ukoll l-importanza li jiġi żgurat li t-trasformazzjoni diġitali tkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha, inkluż dawk l-aktar vulnerabbli. Approċċ orjentat lejn iċ-ċittadini huwa kruċjali biex tiġi miġġielda l-esklużjoni diġitali, jitnaqqas id-distakk diġitali u tiġi miġġielda l-problema tan-nuqqas ta' adozzjoni mill-benefiċjarji potenzjali. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet tippromwovi mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni diġitali b'mod soċjalment ġust u inklużiv. Għandhom ikomplu l-isforzi u l-investimenti f'dan ir-rigward. Fl-istess ħin, persuni mingħajr aċċess sħiħ għal proċeduri diġitalizzati xorta waħda għandhom ikunu jistgħu jużaw id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom.

³ Eurostat – Il-livell ta' ħiliet diġitali ta' individwi (sal-2019) (kodiċi tad-data online ISOK_SK_DSKL_I) Statistika | Eurostat (europa.eu) u Il-livell ta' ħiliet diġitali ta' individwi (mill-2021 'il quddiem) (kodiċi tad-data online: ISOK_SK_DSKL_I21) Statistika | Eurostat (europa.eu)

20. Fir-rigward tal-ġestjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, id-diġitalizzazzjoni għandha dejjem titqies bħala għodda li kull fejn u kull meta jkun għaqli li tintuża u tiġi implimentata, dan għandu jsir b'mod komprensiv. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi nazzjonali kif ukoll il-proporzjon kostijiet-benefiċċji. Mhijiex biss kwistjoni tal-interazzjoni online taċ-ċittadini u tan-negozji mal-amministrazzjonijiet pubbliċi sabiex jinbeda proċess. Sabiex jiġu evitati dewmien u piż u spejjeż amministrattivi addizzjonali, l-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jibbenefikaw mill-għodod diġitali biex iħaffu l-proċessi, jidentifikaw id-duplikazzjoni u jnaqqsu r-riskju ta' frodi u żbalji. Dan ma jipprekludix l-intervent tal-bniedem f'każijiet fejn ikun hemm bżonn ta' konsulenza personali jew valutazzjoni skont il-każ.

FILWAQT LI JENFASIZZA LI:

21. Mill-2020 'l hawn sar aktar progress fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi nazzjonali u transfruntiera tas-sigurtà soċjali milli fis-snin preċedenti. Madankollu, minkejja l-progress li sar, għad hemm lok biex id-diġitalizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali timxi 'l quddiem, filwaqt li jitqies ukoll l-iżvilupp rapidu ta' teknoloġiji ġodda li jifih perspettivi ġodda li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni.
22. Ir-riżorsi finanzjarji disponibbli tal-UE, inkluż il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), jistgħu jgħinu biex tiġi avvanzata d-diġitalizzazzjoni fl-Istati Membri, b'mod partikolari fl-Istati Membri li huma diġitalment inqas avvanzati.
23. L-inizjattivi tal-Kummissjoni għandhom l-għan li jrawmu l-iżviluppi fid-diġitalizzazzjoni, billi jqiegħdu liċ-ċittadini fil-qalba ta' dan l-għan, jiżviluppaw għodod intuwittivi u faċli għall-utent li jużaw lingwaġġ sempliċi, minbarra li jippromwovu l-interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi.

24. Diskussjonijiet regolari bejn ir-rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni huma essenzjali biex tiġi pprovduta direzzjoni politika għall-proċessi ta' diġitalizzazzjoni li għaddejjin bħalissa u dawk previsti, u biex jiġi mmonitorjat il-progress. Huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat l-involviment tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali f'dawn id-diskussjonijiet regolari, minħabba l-għarfien espert tagħhom, u li tiġi promossa l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba.
25. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kummissjoni Amministrattiva u l-Kummissjoni Teknika, tassumi rwol attiv fl-analiżi tal-impatt tad-diversi inizjattivi diġitali fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali miċ-ċittadini mobbli. Dan jagħti wkoll opportunità lit-tagħlim reċiproku u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.
26. Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni u tkun tista' tinkiseb stampa ċara tal-inizjattivi diġitali differenti, l-impatt tagħhom fuq il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali u l-effetti possibbli tagħhom li jikkoinċidu, għandha tingħata attenzjoni lill-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni fit-tnejn u t-trattament tad-diversi inizjattivi tal-UE.
27. Aktar inizjattivi Ewropej ġodda ta' diġitalizzazzjoni għandhom jiġu żviluppati wara l-evalwazzjoni tal-inizjattivi attwali u jikkomplementaw l-għodod Ewropej u nazzjonali eżistenti.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA, B'KONT MEĦUD TAĊ-ĊIRKOSTANZI
NAZZJONALI TAGĦHOM, JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:**

28. Ikomplu jieħdu miżuri biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' inizjattivi diġitali u interoperabbli eżistenti u ġodda li jissimplifikaw u jħaffu l-proċeduri amministrattivi u l-komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri u jiżguraw il-konformità mal-leġislazzjoni applikabbli tal-UE, b'mod partikolari l-finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-EESSI sa mhux aktar tard mill-2024.
29. Iżidu l-isforzi biex sal-2030 jintlaħqu l-oġġettivi tad-Deċennju Diġitali li 100 % tas-servizzi pubbliċi ewlenin ikunu disponibbli online, inkluż fis-sigurtà soċjali, u li 100 % tan-nies ikollhom aċċess għal mezzi ta' identifikazzjoni elettronika (eID), li għandhom jintużaw għas-servizzi pubbliċi ewlenin fl-UE, inkluż għas-sigurtà soċjali.
30. Isostnu l-investment fil-proċessi ta' awtomatizzazzjoni biex jiġu trattati każijiet nazzjonali u transfruntiera fis-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali.
31. Ikomplu l-isforzi biex tiġi implimentata d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri skont ir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.
32. Iqisu għandhomx ikunu involuti fl-attivitajiet tal-konsorzji li qed jippilotaw id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri relatati mad-dokument portabbli A1 u l-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa, Digital Credentials for Europe (DC4EU) u Vector, bħala segwitu għall-ewwel fażi tal-proġett pilota ESSPASS.

33. Iħeġġu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom jaħdmu flimkien b'komunikazzjoni fluwida u f'waqtha biex jiżguraw kopertura bla xkiel tal-ħaddiema fis-suq uniku. Jagħmlu l-proċessi kollha tas-sigurtà soċjali, inkluż il-proċessi transfruntiera, ċari, trasparenti u ssimplifikati għall-ħaddiema, il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet involuti.
34. Jistinkaw biex jiżguraw li l-isforzi ta' diġitalizzazzjoni jgħinu biex titħaffef id-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini u l-kumpaniji mobbli, iżidu l-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet tan-nies, inaqqsu r-riskju ta' żbalji u frodi, u jikkontribwixxu biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-iskemi tas-sigurtà soċjali.
35. Ikomplu jieħdu miżuri biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-data meta jiġu implimentati inizjattivi diġitali, billi l-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tikkonċerna data personali sensittiva.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

36. Ixxerred il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Settembru 2023 dwar id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, filwaqt li trawwem dibattitu dwar din il-kwistjoni bejn l-Istati Membri sabiex tippromwovi d-djalogu u l-iskambju tal-informazzjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali f'fora differenti, bħal-laqgħat ta' livell għoli mal-Istati Membri li l-Kummissjoni ser torganizza kull sena, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni⁴.
37. Tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-EESSI mill-Istati Membri, inkluż bir-riżorsi finanzjarji tal-UE u l-għarfien espert tal-IT li jkunu disponibbli, u taħdem magħhom biex kontinwament ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema.
38. Abbażi tar-riżultati tal-attivitajiet pilota li għaddejjin mill-konsorzji wara l-ewwel fażi tal-proġett pilota ESSPASS, teżamina, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, il-passi li jmiss, inkluż l-opportunità li tintuża soluzzjoni ESSPASS fil-pajjiżi kollha tal-UE, u tivvaluta l-ħtieġa potenzjali li jinbidel il-qafas leġislativ.
39. Iżżomm lill-Istati Membri infurmati dwar is-sitwazzjoni attwali tal-inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni rilevanti għall-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, permezz tal-laqgħat annwali ta' livell għoli u l-iskambji regolari mal-Kummissjoni Amministrattiva u l-Kummissjoni Teknika.

⁴ "Il-Kummissjoni se torganizza, darba fis-sena, laqgħat ta' livell għoli mal-Istati Membri biex jiddiskutu u jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' aktar diġitalizzazzjoni, standardizzazzjoni u awtomatizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, l-iffaċilitar tal-moviment liberu u tal-mobilità tal-forza tax-xogħol, inkluża interoperabbiltà akbar ma' setturi rilevanti oħrajn." COM (2023) 501, paġna 15.

40. Tippetmrovvi l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), filwaqt li tirrispetta r-rwol u l-kompetenzi tal-Kummissjoni Amministrattiva u tal-Kummissjoni Teknika f'dan il-qasam, skont l-Artikoli 72 u 73 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, kif ukoll il-ftehim ta' kollaborazzjoni eżistenti bejn l-ELA u l-Kummissjoni Amministrattiva.
41. F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Amministrattiva, tesplora l-possibbiltajiet għall-Kummissjoni Teknika biex tgħin teżamina l-impatt u l-benefiċċji tal-inizjattivi diġitali nazzjonali u tal-UE fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, filwaqt li tirrispetta l-istrutturi differenti ta' governanza ta' dawk l-inizjattivi.
42. Abbażi tal-analiżi pprovduta mill-ELA rigward is-soluzzjonijiet diġitali nazzjonali u l-maturità diġitali tas-sistemi nazzjonali, tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-mira lejn l-investimenti, u b'hekk jiżguraw li l-progress ikun simultanju fl-Ewropa kollha.
43. Tkompli tiżgura approċċ koerenti lejn id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, filwaqt li tiżgura sinerġiji bejn l-għodod u s-soluzzjonijiet diġitali li diġà jeżistu, u konverġenza bejn l-inizjattivi differenti.
44. Tanalizza l-użu potenzjali tal-intelliġenza artiċċjali (IA) fil-kuntest tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.
45. Tesplora l-opportunità għal aktar simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-proċeduri li jirregolaw il-moviment liberu tal-persuni u l-ħaddiema fl-UE, fir-rigward tal-proċessi nazzjonali u r-regoli attwali tal-Unjoni fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.
